



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL- UNJONI
EWROPEA GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN U
L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 20.9.2011
KUMM(2011) 590 finali

2011/0251 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl
tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Fid-9 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.
- (2) Fit-2 ta' Settembru 2011, il-Kunsill emenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 biex jestendi l-miżuri kontra s-Sirja, inkluża espansjoni tal-kriterji tal-elenkar, u projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasportazzjoni taż-żejt mhux maħdum mis-Sirja.
- (3) Il-Kunsill wasal ukoll għal ftehim politiku dwar l-adozzjoni ta' aktar miżuri, jiġifieri projbizzjoni tal-investiment fis-settur taż-żejt mhux maħdum, u elenkar addizzjonali.
- (4) Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jipprojbixxi li jiġu kkonsenjati karti tal-flus Sirjani lill-Bank Ċentrali tas-Sirja, u li jaġġusta d-dispożizzjonijiet li jipproteġu lill-operaturi ekonomiċi kontra klejms relatati mal-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet. Barra minn hekk, il-Kunsill iddeċieda li jiffriża ċerti assi finanzjarji Sirjani, filwaqt li jiżgura li dan ma jxekkilx milli jsiru tranżazzjonijiet leġittimi mas-Sirja.
- (5) Dawn il-miżuri jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, b'mod speċjali bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hemm bżonn azzjoni regolatorja fuq il-livell tal-Unjoni sabiex timplimentahom.

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 442/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2011/273/PESK rigward miżuri restrittivi kontra s-Sirja¹,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 442/2011² dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.
- (2) Permezz tar-Regolament (UE) Nru 878/2011 tat-2 ta' Settembru 2011³, il-Kunsill emenda r-Regolament (UE) Nru 442/2011 biex jestendi l-miżuri kontra s-Sirja, inkluża espansjoni tal-kriterji tal-elenkar, u probizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasportazzjoni taż-żejt mhux raffinat mis-Sirja.
- (3) Permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2011/.../PESK ta' [] Settembru 2011, il-Kunsill qabel fuq l-adozzjoni ta' aktar miżuri, jiġifieri projbizzjoni tal-investiment fis-settur taż-żejt mhux raffinat, iż-żieda ta' aktar elenkar, il-projbizzjoni li jiġu kkonsenjati karti tal-flus u muniti Sirjani lill-Bank Ċentrali tas-Sirja, u l-iffriżar ta' ċerti assi Sirjani li qegħdin barra mis-Sirja, kif ukoll xi aġġustamenti għad-dispożizzjonijiet li jipproteġu lill-operaturi ekonomiċi kontra klejms relatati mal-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet.
- (4) Dawn il-miżuri jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, b'mod speċjali bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hemm bżonn azzjoni regolatorja fuq il-livell tal-Unjoni sabiex timplimentahom.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ minnufih,

¹ ĠU L 121, 10.5.2011, p. 11.

² ĠU L 121, 10.5.2011, p. 1

³ ĠU L 228, 3.9.2011, p. 1

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, jiddaħħal il-punt li ġej

"(j) 'persuna, entità jew korp Sirjani' tfisser:

(i) l-Istat tas-Sirja jew kwalunkwe awtorità pubblika tiegħu;

(ii) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fis-Sirja, jew residenti hemmhekk;

(iii) kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fis-Sirja;

(iv) kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fis-Sirja jew barra minnha, li jkunu, direttament jew indirettament, proprjetà ta' wiehied jew waħda jew aktar mill-persuni jew korpi msemmijin hawn fuq, jew ikunu kkontrollati minnhom;"

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

"Artikolu 2a

Huwa pprojbit li wiehied ibiġh, iforni, jittrasferixxi jew jesporta, direttament jew indirettament, karti tal-flus u muniti ġodda b'denominazzjoni Sirjana, stampati fl-UE, lill-Bank Ċentrali tas-Sirja."

(3) Jiddaħħal l-Artikolu 3c li ġej:

"Artikolu 3c

1. Dan li ġej għandu jġi pprojbit:

(a) l-ġhoti ta' kwalunkwe selfa jew kreditu finanzjarji lil xi persuna, entità jew korp fiżiċi jew ġuridiċi Sirjani msemmija fil-paragrafu (2);

(b) il-kisba jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'xi persuna, entità jew korp Sirjani msemmija fil-paragrafu (2);

(c) il-ħolqien ta' kwalunkwe impriża konġunta ma' xi persuna, entità jew korp fiżiċi jew ġuridiċi Sirjani msemmija fil-paragrafu (2);

(d) il-parteċipazzjoni, konxja u b'intenzjoni, f'attivitajiet li l-oġġettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) (b) u (c).

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu (1) għandhom japplikaw għal kwalunkwe persuna, entità jew korp fiżiċi jew ġuridiċi Sirjani involuti fit-tiftix għaż-żejt jew fil-produzzjoni jew fir-raffinar tiegħu.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 biss, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (a) 'esplorazzjoni ta' żejt mhux raffinat' tinkludi l-esplorazzjoni għar-riservi taż-żejt, u t-tiftix u l-ġestjoni tagħhom, kif ukoll il-forniment ta' servizzi ġeoloġiċi marbuta ma' tali riservi;
 - (b) "raffinar taż-żejt" tfisser l-ipproċessar, il-kondizzjonament jew it-tħejjija taż-żejt għall-bejgħ finali tal-karburanti.
4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1:
- (a) għandhom ikunu bla ħsara għat-twettiq ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet li ġew konklużi qabel [.../.../...];
 - (b) ma jwaqqafx l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk tali estensjoni tkun obbligu skont ftehim li ġie konkluż qabel [.../.../...]."
- (4) Jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

"Artikolu 4a

Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness IIa, huma proprjetà tagħhom jew huma kkontrollati minnhom u li kienu jinsabu barra mis-Sirja fi [.../ ... / 2011] huma ffriżati."

- (5) L-Artikolu 10a huwa mibdul b'li ġej:

"Artikolu 10a

Ma jingħataw l-ebda klejms, inklużi għal kumpens jew indemnifikazzjoni jew kwalunkwe klejm oħra ta' din ix-xorta, bħal klejm għal tpaċija, multi jew klejms taħt garanzija, klejms għal estensjoni jew pagament ta' bond, garanzija finanzjarja, inklużi klejms li jirriżultaw minn ittri ta' kreditu jew minn strumenti simili b'rabta ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom ikun intlaqat, direttament jew indirettament, kollu jew parti minnu, bil-miżuri imposti permezz ta' dan ir-Regolament, lill-Gvern tas-Sirja, lill-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, jew lil kwalunkwe persuna jew entità li li tikklejma permezz tagħhom jew għall-benefiċċju tagħhom."

Artikolu 2

L-Anness II ta' mar-Regolament (UE) Nru 442/2011 huwa emendat skont l-Anness I ta' ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-anness II huwa mdaħħal bħala l-anness IIa ta' mar-Regolament (UE) Nru 442/2011.

Artikolu 3

L-Anness IV ta' mar-Regolament (UE) Nru 442/2011 jinbidel bl-Anness II ta' ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Fl-Anness II ta' mar-Regolament (UE) Nru 442/2011, jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"[ismijiet addizzjonali għandhom ikunu proposti mill-Kunsill]"

ANNESS II

"ANNESS IIa

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmijin fl-Artikolu 4a

[l-ismijiet iridu jiġu proposti mill-Kunsill]"

ANNEX III

"ANNEX IV

Lista tal-Prodotti taż-Żejt Mhux Raffinat

Kodiċi tas-SA Deskrizzjoni

2709 00 Żjut miż-żejt mhux raffinat u żjut miksubin minn minerali bituminużi, mhux raffinati:

2710 Żjut miż-żejt mhux raffinat u żjut miksubin minn minerali bituminużi, ħlief dawk mhux raffinati; preparazzjonijiet mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor, li skont il-piż ikunu 70% jew aktar żjut taż-żejt mhux raffinat jew żjut miksuba minn minerali bituminużi, fejn dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparazzjonijiet; skart taż-żjut:

2712 Vazellina; xema' tal-paraffina, xema' mikrokristallina taż-żejt, xema' nofsha raffinata b'kontenut ta' żejt għoli (slack wax), ożokerit, ix-xema' tal-linjite, ix-xema' tal-pit, xemgħat oħra minerali u prodotti simili miksuba permezz ta' sinteżi jew permezz ta' proċessi oħrajn kemm jekk ikkuluriti kif ukoll jekk mhumiex:

2713 Kokk taż-żejt mhux raffinat, qatran taż-żejt mhux raffinat u fdalijiet oħrajn ta' żjut miż-żejt mhux raffinat jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi:

2714 Bitum u asfalt, naturali; shale tal-bitum jew taż-żejt u ramel taż-żift; asfaltiti u blat tal-asfalt:

2715 00 00 Taħlitiet bituminużi bbażati fuq asfalt naturali, fuq bitum naturali, fuq bitum taż-żejt mhux raffinat, fuq żift minerali jew żift tal-qatran minerali (pereżempju, gomom bituminużi, cut-backs)